**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 328/2018**

**Il-Pulizija**

**vs.**

*Omissis*
**Ellie Briffa**

Illum id-9 ta' Mejju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra *Omissis* u l-appellanti **Ellie Briffa**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 356793(M), akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar id-29 ta' Mejju 2015 għall-ħabta ta' 14:45hrs ġewwa Birkirkara:

1. ikkaġunaw lil Georgina Micallef ġrieħi ta' natura gravi, skont kif iċċertifika Dr. Mark Bugeja MD Reg. No. 1768 ġewwa l-Mosta Health Centre;

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkaġunaw ġrieħi ta' natura ħafifa fuq Amy Micallef, skont kif iċċertifika Dr. Mark Bugeja MD Reg. No. 1768 ġewwa l-Mosta Health Centre;

3. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ħebbew għal Georgina Micallef u għal bintha Amy Micallef;

4. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkaġunaw lil Georgina Micallef u lil bintha Amy Micallef biza' li ser tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta' tagħhom;

5. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi offendew lil Georgina Micallef u lil bintha Amy Micallef;

6. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bi kliem heddew lil Georgina Micallef u lil bintha Amy Micallef;

7. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi qalu kliem oxxen fil-pubbliku;

8. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kisru l-bon ordni b'għajjat u bi ġlied;

9. irrendew ruħhom reċidivi b'diversi sentenzi mogħtija lilhom ġewwa l-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

10. kisru l-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest mogħti lilhom mill-Maġistrat Dr. C. Stafrace Zammit LL.D. ġewwa l-Qrati ta' Malta;

Lil *Omissis* waħdu:

11. talli kiser il-kondizzjonijiet tal-*Conditional Discharge* illi ġie mpost fuqu permezz ta' sentenza mogħtija lilu mill-Maġistrat Dr. S. Demicoli LL.D. ġewwa l-Qrati ta' Malta nhar il-21 ta' Mejju 2015.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta' ta' Georgine Micallef u Amy Micallef jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-ħatja b'obbligazzjoni tagħhom infushom taħt penali ta' somma flus li tiġi ffissata mill-Qorti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-6 ta' Lulju 2018 fejn il-Qorti:

- wara li rat l-Artikoli tal-liġi sabet lil *Omissis* ħati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tal-ħames (5) u tat-tmien (8) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u tal-imputata Ellie Briffa flimkien kif ukoll tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tiegħu waħdu u kkundannatu sentejn (2) priġunerija b'dan illi ġie ddikjarat li *Omissis* mhux ħati tal-bqija tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement illiberatu minnhom

  u

- wara li rat Artikoli 17, 31, 49, 50, 221(1), 339(1)(d) u (e), u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputata Ellie Briffa ħatja tal-ewwel (1) imputazzjoni iżda biss talli kkaġunat ġrieħi ta' natura ħafifa lil Georgina Micallef (u dan għar-raġunijiet indikat aktar 'il fuq fil-korp tas-sentenza), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tal-ħames (5), tat-tmien (8) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha kif ukoll tal-addebitu tar-reċidiva u kkundannatha sitt (6) xhur priġunerija b'dan illi ġie ddikjarat li l-imputata Ellie Briffa mhux ħatja tal-bqija tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha u konsegwentement illiberataha minnhom.

B'applikazzjoni ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni għall-perjodu ta' sentejn (2) minn dakinhar tas-sentenza fejn il-persuni protetti huma Georgina Micallef u Amy Micallef.

Rat ir-Rikors tal-appellanti Briffa ppreżentat fit-18 ta' Lulju 2018 fejn talbet lil din l-Qorti sabiex: *"tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-appellanti nstabet ħatja tal-akkużi kif indikati mill-Qorti, tikkonferma l-liberatorja mill-akkużi kif indikati mill-istess Qorti u tirrevokaha in kwantu għall-piena u minflok timponi piena aktar idonea għaċ-ċirkostanzi kif spjegat."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel ma tipproċedi ulterjorment ikun opportun li din il-Qorti tinnota li quddiem l-Ewwel Qorti l-appellanti Briffa kienet mixlija flimkien ma' Lineker David Micallef u li s-sentenza appellata kienet mogħtija fil-konfront tagħhom it-tnejn. Jirriżulta wkoll li t-tnejn li huma appellaw mis-sentenza appellata b'dan illi fis-seduta miżmuma fit-8 ta' Ottubru 2020 (*a fol.* 313), din il-Qorti diversament preseduta ddikjarat l-appell ta' Lineker David Micallef deżert *ai termini* ta' Artikolu 422 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Minkejja li fil-21 ta' Ottubru 2020 Lineker David Micallef ippreżenta Rikors (*a fol.* 321) fejn talab li l-appell tiegħu jerġa' jitqiegħed fuq il-lista, permezz ta' digriet (*a fol.* 325) mogħti fit-28 ta' Ottubru 2020, din il-Qorti diversament preseduta

astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-Rikors stante li r-Rikors sar wara ż-żmien imsemmi f'Artikolu 422 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi b'hekk din is-sentenza tirrigwarda biss l-appellanti Ellie Briffa.

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-każ jirrigwarda ġlieda li seħħet fid-29 ta' Mejju 2015 għall-ħabta tat-2.45pm f'Carmel Street, Birkirkara fejn f'din il-ġlieda kien hemm involuti Lineker David Micallef u l-appellanti Briffa u l-*parte civile* Georgina u Amy Micallef. Filwaqt li Georgina Micallef sofriet ġrieħi ta' natura gravi, Amy Micallef sofriet ġrieħi ta' natura ħafifa.

Illi r-Rikors tal-appellanti Briffa huwa wieħed limitat għall-piena. Fih jingħad li ilha żmien twil tbagħti mid-dipendenza fuq id-droga kif turi l-fedina penali tagħha. Hija tagħmel riferenza għall-ġlieda mertu ta' dan il-każ u tgħid li din il-ġlieda ma kinitx każ iżolat iżda *feud* kerha bejn żewġ familji. Tisħaq li meta kienet qed tippreżenta l-appell, hija kienet waslet biex tħalli l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex tibda ssegwi programm ta' riabilitazzjoni u li għaliha dan huwa importanti sabiex tkun tista' tieħu ħsieb tat-tarbija tagħha. Tisħaq li mhux qed tgħid li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti mhijiex skont il-liġi għalkemm tgħid li ġrieħi ta' natura ħafifa solitament iwasslu għal piena aktar mita. Hija tal-fehma li piena ta' sitt xhur priġunerija effettivi ma tistax tiqies bħala piena li tikkalibra sew dak li suppost tinbena fuqha piena penali, partikolarment l-effetti riformattivi ta' piena bħal din. Hija tħoss li qed tagħmel progress allavolja wara li ġara l-każ u wara s-sentenza tal-Ewwel Qorti u li dan il-progress jista' jittieħed in konsiderazzjoni sabiex il-piena tkun waħda aktar kalibrata.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Fis-seduta tat-3 ta' Frar 2020 (*a fol.* 218 *et seq.*) din il-Qorti diversament preseduta laqgħet it-talba tad-difiża sabiex isir rapport fir-rigward tal-appellanti Briffa.

- Fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2020 (*a fol.* 244) il-konsulent legali tal-*parte civile* f'isem l-istess *parte civile* irrinunzjat għal dak kollu li huwa rinunzjabbli.

- Fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2020, xehdet l-Uffiċjal tal-*Probation* Marilyn Formosa (*a fol.* 309 *et seq.*) fejn ippreżentat rapport fir-rigward tal-appellanti Briffa li ġie mmarkat bħala Dok. "MF" (*a fol.* 288 *et seq.*). Hija tgħid li l-fedina penali ta' Briffa turi li l-każijiet kellhom x'jaqsmu mad-droga u li dakinhar li kienet qed tixhed, Briffa kienet qed tiskonta piena ta' priġunerija ta' wieħed u għoxrin xahar u li kellha tispiċċa fl-1 ta' Ġunju 2021. Tgħid li fil-passat l-appellanti Briffa kellha diversi ċansijiet li tindirizza l-vizzju tad-droga iżda mhux dejjem kienet lesta li tagħmel dan. Tgħid li fis-sena 2019, wara li ħarġet mill-ħabs, l-appellanti bdiet programm residenzjali tal-Caritas iżda ma kinitx komplietu u li hija reġgħet trid tagħmel kuntatt mal-Aġenzija sabiex tagħmel il-programm matul is-sentenza ta' priġunerija tagħha. Tgħid li test meħud fl-4 ta' Frar 2020 kien juri li l-appellanti Briffa kienet għadha qed tabbuża mis-sustanza tad-droga u li test li ttieħed fit-2 ta' Mejju 2020 irriżulta fin-negattiv. Tgħid li l-appellanti Briffa għandha għajnuna kemm minn psikologu kif ukoll mis-*social workers*. Tgħid ukoll li dan l-aħħar kien hemm progress u dan għaliex l-appellanti tixtieq li tkun tista' tara t-tfal tagħha.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li l-appellanti Briffa għandha motiv kbir biex issegwi programm. Meħud dan in konsiderazzjoni, inkluż il-fatt li l-*parte civile* rrinunzjaw għal dak kollu li huwa rinunzjabbli u stante r-rieda qawwija tal-appellanti li tirriabilita ruħha minħabba li ma tridx tkun priva mill-aċċess għal uliedha, din il-Qorti ser tilqa' l-appell tal-appellanti.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellanti Ellie Briffa u tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellanti nstabet ħatja tal-ewwel (1) (talli kkaġunat biss ġrieħi ta' natura ħafifa lil Georgina Micallef), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tal-ħames (5), tat-tmien (8) imputazzjoni u kif ukoll tal-addebitu tar-reċidiva miġjuba fil-konfront tagħha;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellanti ġiet dikjarata mhux ħatja tal-bqija tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha u konsegwentement ġiet liberata minnhom;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellanti ġiet ikkundannatha sitt (6) xhur priġunerija u minflok tapplika Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tpoġġi lill-appellanti taħt Ordni ta' *Probation* għal perjodu ta' sentejn b'dan illi matul il-perjodu ta' *Probation*, l-appellanti:

    - trid toqgħod għall-ordnijiet kollha li tiġi mogħtija mill-Uffiċjal tal-*Probation* inkluż kull ordni sabiex jittieħdu testijiet dwar id-droga;

    - għandha tattendi għall-appuntamenti mal-Uffiċjal tal-*Probation*;

    - ma twettaqx reat ieħor matul il-perjodu ta' *Probation*.

  B'dan illi jekk l-appellanti Briffa tikser xi kondizzjoni tal-*Probation* hija tista' tkun denunzjata u jittieħdu proċeduri kontra tagħha u jekk tinstab ħatja tista' tkun ikkundannatha

għas-sentenza li llum qed tkun sostitwita b'din l-Ordni ta' *Probation*.

Finalment, il-Qorti spjegat lill-appellanti xi tfisser l-Ordni ta' *Probation* u x'inhuma d-dmirijiet tagħha matul il-perjodu kollu tal-*Probation*.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**